A.L. 246 ta' l-2003

ATT TA' L-2002 DWAR IL-PARTIMONJU KULTURALI (ATT NRU. VI TA' l-2002)

Regolamenti ta' l-2003 dwar it-Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 55 ta' l-Att ta' l-2002 dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru Għaz-Żgħażagħ u L-Arti għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolament hu Regolamenti ta' l-2003 dwar it-Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Settembru, 2003.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx tehtieġ xort'oħra-

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar il-Patrimonju Kulturali;

it-tifsiriet "proprjetà kulturali" u "patrimonju kulturali" huma dawk speċifikati fl-Att u fl-Anness mad-Direttiva, inklużi kollezzjonijiet pubbliċi katalogati fl-inventarji ta' mużewijiet, f'arkivji jew f'kollezzonijiet ikkonservati f'libreriji;

"kollezzjonijiet pubbliċi" tfisser kollezzjonijiet li huma l-proprjetà ta' Stat Membru, ta' awtorita lokali jew reġjonali fi ħdan Stat Membru jew istituzzjoni li tkun tinsab f'dak it territorju u li tiġi definita bħala pubblika skond il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru, liema istituzzjoni tkun jew il-proprjeta' ta', jew tkun iffinanzjata b'mod sostanzjali minn dak l-Istat Membru jew minn awtorita lokali jew reġjonali, inklużi l-inventarji ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi;

"Stat Membru rikjedenti" tfisser Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li fit-territorju tiegħu jkun jinsab oġġett kulturali li jkun tneħħa llegalment mit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor.

Skop.

3. (1) Dawn ir-regolamenti se jagħtu seħħ lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 93/7 tal-15 ta' Marzu, 1993 li titratta dwar it-treġġigħ lura ta' oġġetti kulturali llegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjħa "id-Direttiva".

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw biss għal dawk l-oġġetti kulturali li jkunu ġew imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru fl-1 ta' Jannar, 1993 jew wara dik id-data.

Treġġigħ lura ta' oġġetti kulturali

4. Oġġetti kulturali li jkunu ġew illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea għandhom jitreġġgħu lura skond il-proċeduri u fiċ-ċirkostanzi li hemm provdut dwarhom f'dawn ir-regolamenti u fid-Direttiva.

5. Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mwaqqfa bl-artikolu 7 ta' l-Att tkun l-awtorita' maħtura biex taqdi d-dmirijiet li hekk provdut dwarhom f'dawn ir-regolamenti.

Trasferimenti li jsiru bi ksur tal-liġijiet ta' Stat Membru rikjedenti.

6. Kull trasferiment ta' proprjeta' kulturali jew patrimonju kulturali, ukoll jekk temporanju, huwa illegali jekk dan isir bi ksur tar-regolamenti tad-Direttiva jew tal-liġijiet ta' l-Istat Membru rikjedenti.

Proċeduri quddiem qorti kompetenti.

7. (1) Stat Membru li jkun qed jibda talba għat-treġġigħ lura ta' oġġett kulturali li jkun tneħħa llegalment mit-territorju tiegħu, jkollu jedd jibda proċeduri quddiem il-qorti kompetenti f'Malta, kontra l-possessur jew, fin-nuqqas, kontra d-detentur ta' dak l-oġġett.

(2) Salv kif xort'ohra provdut fir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, il-qorti kompetenti għandha tordna t-treġġigħ lura ta' dak l-oġġett kulturali jekk dan ikun tneħħa llegalment minn ġot-territorju nazzjonali.

Treġġiegħ lura ta'oġġetti lil Stat Membru rikjedenti

8. (1) Meta jiġi ordnat it-treġġiegħ lura ta' xi oġġetti, il-qorti kompetenti tal-pajjiż mitlub jibgħat lura l-oġġett għandha tagħti lill-pussessur dak il-kumpens li tqis xieraq skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, sakemm tkun sodisfatta li l-pussessur ikun aġixxa bonafidi u jkun ħa ħsieb sew u eżerċita kull attenzjoni dovuta meta kien qed jakkwista l-oġġett.

(2) L-Istat Membru rikjedenti għandu jħallas dak il-kumpens meta jingħata lura l-oġġett.

(3) L-ispejjeż li jsiru fit-twettiq ta' deċizjoni li tkun tordna li oġġett kulturali jingħata lura, u għas-salvagwardja u l-konservazzjoni ta' dak l-oġġett, għandhom jiġu mġarrba mill-Istat Membru rikjedenti.

(4) Ħlas li jsir għal kumpens ġust u l-ispejjeż imsemmija fis-subregolamenti (1) sa (3) ta' dan ir-regolament għandhom isiru mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istat Membru rikjedenti li jieħu azzjoni bil-ħsieb li jirkupra dawk l-ammonti mingħand il-persuni responsabbli għat-tneħħija illegali ta' l-oġġett kulturali minn ġot-territorju tiegħu.

Ligijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri.

9. (1) Kull azzjoni li tittieħed bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull proċedura ċivili jew kriminali li tista' ssir, taħt il-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru involut, mill-Istat Membru rikjedenti u, jew mis-sid ta'oġġett kulturali li jkun ġie misruq.

(2) Fit-twettiq tal-poteri stabbiliti b'dawn ir-regolamenti, id-dmir ta' min għandu jġib il-provi jkun regolat skond il-liġi ta' l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba.

Status skond id-dritt Civili.

10. (1) F'każ ta' donazzajoni jew suċċessjoni, il-pussesur ma jkunx f'pożizzjoni iktar vantaġġuza mill-persuna li jkun akkwista l-oġġett minn għandha b'dak il-mezz.

(2) Il-proċeduri dwar l-għoti lura skond dan l-avviż ma jistgħux idumu iktar minn sena wara li l-istat rikjedenti jkun sar jaf fejn ikun l-oġġett kulturali u l-identita tal-pussessur jew detentur tiegħu.

(3) Dawk il-proċeduri ma jistgħu f'ebda każ jinbdew aktar minn tletin sena wara li l-oġġett ikun tneħħa llegalment minn ġot-territorju ta' l-istat rikjedenti. Madankollu fil-każ ta' oġġetti li jiffurmaw parti mill-kollezzjonijiet pubblici elenkati fl-inventarji ta' mużewijiet, arkivji jew kollezzjoniet ikkonservati f'libreriji, u beni ekkleżjastiċi fl-Istati Membri fejn ikunu soġġetti għal arranġament ta' protezzjoni speċjali taħt il-liġi nazzjonali, il-proċeduri dwar it-treġġiegħ lura jkunu suġġetti għal perjodu li jiskadi wara ħamsa u sebgħin (75) sena, minbarra fi Stati Membri fejn il-proċeduri ma huma suġġetti għal ebda perjodu ta' żmien jew fil-każ ta' kull ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri fejn jiġi stipulat perjodu li jeċċedi l-ħamsa u sebgħin (75) sena.

(4) Ma jistgħux jinbdew proċeduri dwar it-treġġigħ lura jekk it-tneħħija minn got-territorju nazzjonali ta' l-Istat Membru ttemm milli tibqa' titqies bħala attivita illegali f'dak il-waqt meta jkunu se jinbdew dawk il-proċeduri.

Mod kif isiru l-proċeduri.

11. (1) Il-proċeduri jistgħu biss jinbdew permezz ta' talba li ssir bil-miktub minn Stat Membru.

(2) Flimkien ma' din it-talba għandhom ukoll jintehmżu:

(a) dokument li jiddeskrivi l-oġġett indikat fit-talba fejn jiġi wkoll dikjarat li dan huwa oġġett ta' valur kulturali; u

(b) dikjarazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru rikjedenti li l-oġġett kulturali kien ġie imneħħi llegalment minn ġot-territorju tiegħu.

Awtoritajiet ċentrali.

12. (1) L-awtorità ċentrali ta' l-Istat Membru rikjedenti għandha minnufih tgħarraf lill-awtorita ċentrali ta' l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba li jkunu ġew mibdija proċeduri bil-għan li jitreġġa' lura dak l-oġġett.

(2) L-awtorità ċentrali ta' l-Istat membru li ssirlu t-talba għandha minnufih tgħarraf lill-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra.

Registru li jinżamm mis-Sovrintendenza.

13. Is-Sovrintendenza għandha żżomm reġistru fejn jitniżżlu dawk l-oġġetti kulturali li jkunu ġew imneħħija minn Malta, u dwar ir-rikjesti li jsiru minn Stati Membri oħra sabiex jitreġġgħu lura oġġetti kulturali li jkunu tneħħew illegalment minn ġot-territorju tagħhom.

Dmirijiet oħra tas-Sovrintendenza.

14. (1) Jekk l-oġġett kulturali li jkun ġie mreġġa' lura ma jkunx jagħmel parti minn kollezzjoni pubblika, is-Sovrintendenza jkollha d-dmir li tipprovdi dwar il-kustodja ta' l-oġġett sakemm dan ikun jista' jingħata lill-proprjetarju leġittimu tiegħu.

(2) Il-kunsinna ta' l-oġġett kulturali hija soġġetta għar-rimbors lis-Sovrintendenza ta' l-ispejjez li tkum għamlet għall-kustodja temporanja, konservazzjoni u restituzzjoni ta' dak l-oġġett.

(3) Meta l-persuna li lilha jitreġġa' lura l-oġġett kulturali ma tkunx magħrufa, is-Sovrintendenza għandha tippubblika avviż dwar dan fil-Gazzetta.

(4) Jekk il-pussessur leġittimu ma jitlobx li jingħata lura l-oġġett kulturali fi żmien ħames snin mill- pubblikazzjoni ta' dak l-avviż imsemmi fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, l-oġġett isir proprjetà ta' l-Istat li jkollu l-obbligu li jikkonservaħ u li jagħmel l-aħjar użu possibbli minnu li jirrendi profitt.